# IL-GHAJN HAŻINA

minn Dr. Charles Cassar

"Xorobni, Ghajjinni, x'wahda ghammilli dak il-Minghul! Dak bniedem jghjjen; x'wahda din, x'wahda grlai!"... Dan il-kliem nisimghuh ta' sikwit; jekk din il-haga issirx fuq il-bniedem jew le, hadd ma jista' jghid, izda zgur li telepatija bejn bniedem u iehor tezisti, u dan hu ippruvat. Jien naf wiehed li kellu marda li ma tistax titfejjaq, mugugh hafna, u mizmum fuq il-morfina,u kwazi dejjem rieqed. Ohtu l-kbira li kienet fis-sodda marida b'qalbha qalbet ghall-hazin. Il-marid stehbah, staqsa ghall-ohtu u ried jilber biex imur jarha. Wara ftit raga' raqad, izda ohtu mall-lejl qalbet ghall-ghar u mietet fil-ghodu kmieni. L-ghada waqt il-funeral, il-marid raga' qam jghajjat li ohtu mietet u ried imur ghall-funeral, jghid "Ohti mietet,isma l-qniepen, sejrin b'ohti!" Dan il-kliem ma ninsieh qatt; dawn kienu l-fatti; din ma keinet xejn izjed hlief telepatija, u din il-qawwa fizika tinsab fi bniedem aktar qawwija minn iehor. Mela xinhi t-telepatija? Din hi qawwa ta' mpressjonijiet li jghaddu minn mohh il-bniedem ghal-iehor minghir ma jkunhemm komunikazzjoni tas-sensi minn wiehed ghall iehor. B'dan ghandi nifhem li kin ahha naraw u nisimghu minn fuq it-televizjoni mighir ma jkunhemm komunikazzjoni materjali bejn min qed jinghat u min qed jara, u dan isir minhabba elettricita' fl-arja hekk ukoll isir il-komunikazjoni bejn bniedem u iehor. U issa nergghu naqghu fuq l-ghajn. Mela nifhem li kif hemm telepatija bejn bniedem u iehor, jista jigri l-istess meta wiehed ikun jghajjen. Wiehed minn dawn, nghidu ahna, jista jkun jixtieq xi haga jew li jkun ghajjur,ghalhekk meta jara xi haga li ma jistax ikollu, jitfa l-qawwa tieghu li tohrog mis-sens tal-ghajn, u din f'certi nies tkun tant qawwija li tixrob jew tmewwet dik il-haga li taqa' fuqha dik il-qawwa ta' elettricita' ta' dak il-bniedem qerriedi. Nghidu

ahna wahda tmur ghand ohra u hemm tara l-fjuri zbieh go qasrija. Din thares lejn il-fjuri b'tant qawwa t'ghajnejha li jkun bizzejjed biex tixrobhom. Jigri li wara jiem dawn il-fjuri jinxfu. Din hi l-ghajn. Issa nmorru ghall-zmien fil-boghod hafna. Mezzi biex jehilsuk mill-ghajn dejjem kienhemm, u wiehed minnhom kien it-tberik, il-karti fuq l-irjus tat-tfal, il-qrun fid-djar u fuq l-irziezet, ecc. Fil-gonna ghadhek issib sal-lum, fuq il-hajt tal-gnien xi gebla ghamla ta' fallus. Dan ikun fuq il-kantuniera ta' gnien fil-hitan gholjin. Fuq id-dghajjes taghna ghadna naraw sal-lum l-Ghajn ta' Osiris, biex jinhelsu mill-ghajn. Hag'ohra hija x-xemgha tal-Barabbas, fit-trianglu mimli xemgha isfar li jitqieghed fuq il-presbiterju waqt il-funzjoni tat-Tniebri. Din kienet tintefa' l-ahhar wahda biex min ikun jitlob jinheles mill-ghajn. Ghall-istess ghan kient titqassam ix-xemgha li kienet tkun quddiem il-bieba tal Kap tas-Sepulkru f'Hamis ix-Xirka, u kienet tinzamm ghall-adorazjoni; kienhemm min izommha biex tharsu mill-ghajn. Is-Seher, ghalija huwa ghamla ohra tal-ghajn. L-inKizizjoni kellha pieni horox ghas-sahhara, f'Malta. Irrid insemmi biss dwar l-iskungrar mis-seher. Jekk xebba kienet tmur ghand sahhar biex jaghmel maghmul liledak li jkun dahaq biha is-sahhar jew sahhara kien jibghat lix-xebba iggib xi bicca mill-libsa jew xi hag'ohra ta' min iridu jsahhru. Meta dawn il-hwejjeg jingiebu lis-sahhara din taghmel hafna mutetti u hafna talb fuqhom u l-maghmul ikun mitluq. Jekk kienx jigri xi haga jew le ma nistax nghid; nahseb li ma kien jigri xejn. Meta gara kien b'kumbinazzjoni, u mhux bl-intervent tas-seher, izda s-sahhara kienet tmur tajjeb, ghax tiddobba l-hlas. M'ghandniex xi nghidu l-ghajn kienet u tibqa f'mohh in-nies, sakemm jibqa l-bniedem. Dan il-hsieb jibqa jiggerra, u mieghu jibqa dell il-ghajn.

———8888888———